MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 217/2013

**Sisco Company Limited**

**(C – 14752)**

**vs**

**Joseph Ferriggi (K.I. 300357 (M))**

**Judith Ferriggi (K.I. 615541 (M))**

**Nazzareno Borg (K.I. 964845 (M))**

**Maria Grazia *sive* Grace Borg (K.I. 920148 (M));**

**Jibella Holdings Limited (C 14398)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Abela datat it-12 ta' Novembru, 1997, l-intimati kkostitwew ruhom debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tlieta u disghin elf, mija u erbgha u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€93,174.94), *oltre* l-imghaxijiet bis-sebgha fil-mija (7%) dekorribbli mid-data ta' l-istess kuntratt, (ara foll 3 *et sequitur*);

1.2. Illi s-socjeta` intimata fuq indikata kkostitwiet ruhha garanti mall-konjugi Ferriggi ghas-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

1.3. Illi l-ammont *de quo* gie rez esekuttiv permezz t'ittra ufficjali datata t-23 ta' Mejju, 2003, (ara foll 14);

1.4. Illi l-intimati konjugi Ferriggi u *Jibella Holdings Limited* huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' mija u erbgha u hamsin elf, erba` mija u wiehed u tmenin Ewro u disa` centezmi, (€154,481.09), *oltre* imghaxijiet ulterjuri, kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

1.5. Illi l-intimati konjugi Borg huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' mija u tnejn u disghin elf, tmien mija u sitta u sebghin Ewro u zewg centezmi, (€192,876.02), *oltre* imghaxijiet ulterjuri, kif deskritt fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

1.6. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin biex dan it-titolu esekuttiv ikun jista` jigi ezegwit;

1.7. Illi ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex *ai termini* ta' l-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tesegwixxi t-titolu esekuttiv fuq riferit;

1.8. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri, sad-data ta' l-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta datata t-8 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha l-intimati Joseph u Judith konjugi Ferriggi u s-socjeta` *Jibella Holdings Limited* sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

2.1. Illi s-somma involuta hi inferjuri ghal dak indikat fir-rikors guramentat promotur;

2.2. Illi ghalhekk l-imghax vantat mis-socjeta` rikorrenti ghandu wkoll ikun inferjuri ghal dak indikat fir-rikors guramentat promotur;

2.3. Illi s-socjeta` intimata allura m'ghandiex taghmel tajjeb ghal dak l-ammont kif indikat fir-rikors guramentat promotur;

2.4. Salv risposti ulterjuri;

3.0. Rat ir-risposta datata l-10 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha l-intimat Nazzareno Borg sintetikament espona is-segwenti:

3.1. Illi kien notifikat bl-ittra ufficjali *de quo* fl-2003, (ara foll 14);

3.2. Illi l-ammont indikat fl-imsemmi dokument hu ta’ elfejn, disa` mija , u hamsa u hamsin Lira Maltin, u hamsa u hamsin centezmu, (Lm2,955.55), (ara foll 14);

3.3. Illi ghalkemm l-ammont indikat kien mitlub mill-intimati kollha, fl-iskrittura in dizamina imkien ma tindika li kienu jiggarantixxu l-ammont globali involut *in solidum*;

3.4. Illi fil-fatt is-socjeta` rikorrenti m’ghandiex titolu ezekuttiv fuq l-ammont kollu minnha mitlub fir-rikors guramentat promotur;

3.5. Illi *di piu`*, l-ammonti vantati mis-socjeta` rikorrenti huma zbaljati, kif huma wkoll l-interessi mitluba;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat in-nota ta’ l-intimata Maria Grazia *sive* Grace Borg datata z-19 ta’ Settembru, 2013, li permezz taghha infurmat lill-qorti li s-somom dovuti lis-socjeta` rikorrenti kienu gew interament saldati, (ara foll 75);

5. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta’ Jannar, 2015, fejn wara li rat ir-rikors ta’ l-intimati hemm indikati datat il-21 ta’ Novembru, 2014, u r-risposta datata d-9 ta’ Dicembru, 2014, awtorizzat lill-istess intimati jipprezentaw risposta ulerjuri, (ara foll 84 u 101 b);

6.0. Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati hemm indikati datata s-16 ta’ Jannar, 2015, li permezz taghha esponiet is-segwenti:

6.1. Illi r-rikors guramentat promotur datat il-5 ta’ Marzu, 2013, hu null;

6.2. Illi konsegwentement il-proceduri kollha naxxenti minnhu huma nulli;

6.3. Illi r-raguni ghall-istess hi *stante* li s-socjeta` rikorrenti, fil-mument meta gie intavolat ir-rikors guramentat promotur ma kienitx ezistenti aktar billi isimha kien thassar mir-Registru tal-Kumpaniji *ai termini* ta' l-artiklu 325(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

6.4. Illi d-data tat-thassir ta' l-istess socjeta` mir-registru *de quo* hi z-19 t'Awwissu, 2011;

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

9. Tirrileva li l-intimata Maria Grazia *sive* Grace Borg hi fi stat ta' kontumacja;

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali fuq ir-risposta ulterjuri;

Ikkunsidrat:

11. Illi l-procedura odjerna hi limitata ghall-epurazzjoni tar-risposta ulterjuri;

12.0. Illi fir-rigward, ir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan l-Awtorita` Maltija dwar is-Servizzi Finanzjarji isostni sintetikament is-segwenti: (ara foll 107)

12.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet ikkancellata mir-Registru tal-Kumpaniji b'effett miz-19 t'Awwissu, 2011, (ara foll 107 u 109);

12.2. Illi l-istess Registratur kien ukoll hareg avviz appozitu datat iz-19 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu il-kredituri involuti inghataw it-tlett (3) xhur statutorji biex jaghrfu jagixxu fir-rigward, (ara foll 110 u 111);

12.3. Illi l-istess Registratur sussegwentement hareg avviz ulterjuri datat is-26 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu ppubblika isem dawk is-socjetatjiet li kienu gew kancellati, fosthom is-socjeta` rikorrenti, (ara foll 113 u 114);

Ikkunsidrat:

13. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta li effettivament is-socjeta` rikorrenti ma baqghatx tezisti wara z-19 t'Awwissu, 2011;

14. Illi hu ampjament assodat li r-rikors guramentat promotur gie intavolat fil-5 ta' Marzu, 2013, (ara foll 1);

15. Illi hu ghalhekk pacifiku li fid-data tal-presentata ta' l-att gudizzjarju in dizamina, is-socjeta` rikorrenti ma kelliex personalita` guridika skont il-ligi u konsegwentement kienet

prekluza milli b’xi mod tagixxi kif ghamlet, u tipprezenta l-att gudizzjarju *de quo*;

16. Illi ghaldaqstant l-azzjoni intrapriza mill-istess socjeta` rikorrenti hi nulla u minghajr effett;

**DECIDE:**

17.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti:

17.1. Tilqa` r-risposta ulterjuri ta’ l-intimati Joseph u Judith konjugi Ferriggi, Nazzareno Borg u *Jibella Holdings* Limited;

17.2. Tiddikjara li *ai termini* ta’ l-artiklu 325(2) tal-Kap 386 fuq riferit, is-socjeta` rikorrenti ma kienitx aktar ezistenti;

17.3. Tiddikjara li ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qatt ma setghet tintavola l-procedura odjerna;

17.4. Tiddikjara ghalhekk li r-rikors guramentat promotur hu null u minghajr effett;

17.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess socjeta` rikorrenti;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------